— tilqa’ l-oppożizzjoni ppreżentata mir-rikorrenti kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark Nru°9 569 765 mitluba mill-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, jew;

— fil-każ li l-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell jintervjenu fil-kawża, tikkundannhom għall-ispejjeż imġarrba mir-rikorrenti kemm fil-proċeduri tal-appell quddiem l-EUIPO kif ukoll fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fis-7 ta’ April 2016 – CFA Institute vs EUIPO – Ernst and Häcker (CERTIFIED FINANCIAL MODELER CFM)

**(Kawża T-156/16)**

(2016/C 211/74)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* CFA Institute (Charlottesville, Virginia, l-Istati Uniti) (rappreżentant: S. Rohlfing u G. Engels, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Dietmar Ernst (Nürtingen, il-Ġermanja), Joachim Häcker (Nürtingen)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* il-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni li tinkludi l-element verbali “CERTIFIED FINANCIAL MODELER CFM” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 9 569 658

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta’ Jannar 2016 fil-Każ R 9/2015-2

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tilqa’ l-oppożizzjoni magħmula mir-rikorrent kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark Nru 9 569 658 li għaliha saret l-applikazzjoni mill-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż;

— fil-każ li l-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell jintervjenu fil-kawża, tikkundannhom għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent kemm fil-proċedura ta' appell quddiem l-EUIPO kif ukoll fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2016 – Metronia vs EUIPO – Zitro IP (TRIPLE O NADA)**

**(Kawża T-159/16)**

(2016/C 211/75)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Metronia, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: A. Vela Ballesteros, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Zitro IP Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "TRIPLE O NADA" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 603 529

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-15 ta' Frar 2016, fil-Każ R 2605/2014-4

**Talbiet**

— tilqa' r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-15 ta' Frar 2016, billi tippermetti r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja li għaliha saret l-applikazzjoni.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2016 – Centro Clinico e Diagnostico G.B. Morgagni vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-172/16)**

(2016/C 211/76)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Centro Clinico e Diagnostico G.B. Morgagni SRL (Catania, l-Italja) (rappreżentanti: E. Castorina, avukat)